# KWADRU WEGĦDA FIL-MUŻEW ŻABBARI

## Il-ħarba ta' l-Ilsiera Maltin minn Sfax.

**Jikteb Paul Xuereb.**

**Madwar ix-xtajta Malti ta' spiss kien jitfaċċa xi mirkeb tal-baħar, bil-furbani jinżlu l-art jisirqu dak li jsibu u jeqirdu dak li me kenux jistgħu jieħdu. Żgħażagħ u rġiel Maltin kienu jittieħdu lsiera biex jaqdfu. Biex jiddefendu ix-xtut Maltin kien hemm suldati tad-Dejma. Dawn kienu jagħmlu taħriġ obbligatorju kull nhar ta' Ħadd u festi prinċipali li f'dak iż-żmien kienu aktar minn tallum. Meta kienu jilmħu l-għadu kienu jqabbdu l-ħġejjeġ u jindaqqu l-qniepen tal-knejjes bħala sinjal ta' prekawzjoni. Din id-drawwa tad-daqq tal-qniepen kienet tissejjaħ in-Nafra.**

Mal-wasla tal-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta fis-sena 1530 ħassew il-ħtiega li jinbnew swar u torrijiet madwar Malta u Ghawdex sahansitra wieħed fuq Kemmuna li nbena fis-sena 1618 mill-Gran Mastru Alof Wignacourt (1601-1622). Wieħed irid isemmi li fuq din il-gżira żgħira ta' Kemmuna spiss il-furbani mhux biss kienu jinżlu iżda wkoll kienu jgħammru fuqha għal xi żmien. Tant kien kbir il-biża' tal-baħħara Għawdxin li kienu jwasslu l-prodotti, *tour*, u annimali lejn Malta li fis-sena 1419 kienu talbu li Viċi Re ta' Sqallija biex jinbena torri f'nofs Kemmuna biex jindokra u jħares il-fliegi.

### PIRATERIJA

Is-serq minn fuq l-imriekeb tal-baħar kien organizzat u legalizzat tant li erba' mitt sena ilu, nhar is-17 ta' Ġunju 1605, ħareġ avviż fejn il-prattika kienet legalizzata fl-Istituzzjoni tal-Kongregazzjoni-Maġistratura ta' l-Armamenti. Kull pirata Malti kien iħallas somma ta' flus fuq kull qabda li ssir minn fuq l-iġfna barranin. Naturalment l-itess kien isir minn furbani Għarab u Torok li wkoll kienu jħufu fil-Mediterran.

Fiċ-ċensiment li sar fis-sena 1632 fi żmien il-Gran Mastru Antonio de Paule (1623-1636) instab li l-popolazzjoni ta' Malta kienet ta' madwar 50,000 persuna. Kien hemm 339 kavallier, 259 baħri, 591 suldat u 387 bonavolja, li kienu qaddiefa/lsiera fuq galeri li jagħżlu li jagħtu dan is-servizz biex jiskontaw id-djun.

### LSIERA

Dwar Maltin u l-baħrin li kienu jinħatfu minn Malta jew minn fuq xi mirkeb tal-baħar hemm ħafna x'wieħed jgħid fl-istorja ta' Malta. Nhar it-13 ta' Ġunju 1607 fi żmien il-Gran Maseru Alof Wignacourt twaqqfet il-Fondazzjoni biex jiġu mifdija lsiera Nsara bl-isem ta' *Monte de Redenzione degli Schiavi*. Dan seħħ wara l-inizjattiva ta' Patri Giovanni Maria Minniti (1563-1631) li kien patri Kapuċċin.

L-għadd ta' lsiera Maltin taħt idejn il-Mislem u viċi versa kien kbir. Biżżejjed wieħed isemmi li kien hemm madwar 20,000 lsier Malta u Kavallieri miżmuma f'Tuneż fi żmien il-Gran Mastru Pierino del Ponte (1534-1535) u l-mexxej Tork Barbarossa li miet fis-sena 1546. Meta t-Torok niżlu f'Għawdex fis-sena 1551 ħadu magħhom madwar 7,000 Għawdxi bħala lsiera.

Fiċ-ċensiment imsemmi qabel (1632) fil-Gżejjer Maltin kien hawn 1,933 lsier.

Xi konfoffa fil-ħabs ta' l-ilsiera kienet ukoll isseħħ. Nhar id-29 ta' Ġunju 1749 kien hemm il-ħsieb li lsiera miżmuma fil-Palazz fil-belt Valletta jagħtu s-salt u jinħelsu iżda l-kumplott inkixef u dawk mdeffsa ġew mgħallqa u l-oħrajn ittieħdu priġunieri fil-ħabs ta' l-ilsiera fil-Birgu.

Il-ħelsien ta' l-ilsiera Maltin baqa' jkaxkar sal-bidu tat-tmexxija Ingliża f'Malta. Fi żmien il-Kummissarju Sir Charles Cameron (1801-1802) inħareġ bandu fil-5 ta' Frar 1802 li bih għarraf bil-ħelsien ta' 164 lsier Malta li kienu miżmuma f'Kostantinopli. L-iżgħar wieħed kien Franġisku Borg ta' 14-il sena fejn kien ilu 6 snin lsier waqt li Giovanni Pace ta' 83 sena kien ilu maħtuf 48 sena.

Għadd ta' Kavallieri u sinjuri Maltin kellhom skjav taħt idejhom. Iż-żewġt aħwa Rafel u Nikola Cotoner, Gran Mastri li saltnu bejn is-snin 1660 u 1680 kellhom 150 lsier bejniethom. Fit-tesment ta' Nikola ħalla li




*Kwadru Weghda tas-sena 1631. Hajr Gius. Theuma*

mal-qabar/monument tiegħu isiru żewġ statwi ta' l-irħam ta' l-ilsiera marbuta bil-ktajjen. Dan wieħed jista' jarah fil-Konkattidral ta' San Ġwann.

## ĦARBA TA' L-ILSIERA

Il-kondizzjonijiet ta' l-ilsiera fuq l-imriekeb tal-baħar kienu ħżiena ħafna. Mhux biss kienu marbuta bil-ktajjen mal-bank tal-qdif iżda b'xi uffiċċjal idur madwarhom bi frosta. Il-ħinijiet tal-qdif kienu twal u jekk xi ħadd jieqaf bl-għejja kien jissawwat bla ħniena.

Għalkemm mgħassa sew, iżda ma' l-anqas ċans kienu jirvellaw u jippruvaw jaħarbu mill-jasar. Hekk ġara meta l-ilsiera Maltin irnexxielhom jiġġieldu ma' l-ekwipaġġ Tork fuq ix-xini Lupa u ħarbu lejn Malta fejn waslu fit-2 ta' Frar 1748. L-istess ġara nhar id-19 ta' Settembru 1760 meta qaddiefa Nsara, xi wħud Maltin, irvellaw u ħatfu taħt idejhom il-galera Torka *Corona Otomana*.

## ĦARBA MINN SFAX

Fil-Mużew tas-Santwarju Żabbari jinsab kwadru wegħda ex-voto li jfakkar il-ħarba ta' l-ilsiera Nsara wara r-rewwixta kontra l-ekwipaġġ Tork fuq frejgata tal-latin ġewwa Sfax fit-Tuneżija fis-sena 1631. Dan il-kwadru, wieħed mill-kbar b'qisien ta' 92ċm x 196ċm, hemm żewġ episodji tal-ġrajja. Fil-parti t'isfel, b'dehra prominenti jidhru ġrajjiet li seħħew fuq il-frejgata. Ġlied bejn l-ilsiera u t-Torok fuq il-mirkeb b'xi uħud jispiċċaw il-baħar. Fil-pruwa jidher Tork b'ximitarra jiġġieled ma' lsier armat b'lanza. Jidhru skjavi Nsara mmanettjati id ma' id flimkien u oħrajn b'ċirku tal-ħadid ma' sieqhom. Iż-żewġ bokki tan-nofs tal-frejgata miftuħin fejn l-ilsiera jidhru telgħin jagħtu daqqa t'id lil sħabhom. Fin-nofs hemm xi lsiera lesti li jtellgħu l-qlugħ ma' l-arblu prinċipali lesti biex jaħarbu. Fil-poppa jidher Mislem b'ximitarra u ieħor iżomm it-tmun, lebsin għatja ħamra f'rashom.

Matul ix-xatt tidher il-fortizza b'torri għoli mgħassha minn ġellieda fuq il-bejt u oħrajn fuq ix-xatt b'għadd ta' siġar tal-palm. Ankrati hemm disa' frejgati, tlieta minhom b'raġel lest li jtellgħa l-qlugħ latin u oħra sorguta fuq ix-xatt.

Fil-parti ta' fuq tal-kwadru tidher il-ħarba tal-frejgata bl-Ilsiera Insara fuq quddiem, u warajha hemm erba' frejgati, waħda minnhom ittajjar il-bandiera Torka – ħamra b'nofs qamar abjad fin-nofs. Fuq il-ħames mriekeb tal-baħar, barra l-qlugħ, jidhru wkoll il-qaddiefa.

Fir-rokna ta' fuq net hemm xbieha tal-Madonna bit-tarbija Ġesù, tbierek l-Insara li qed jaħarbu. Bil-kitba *Votum Fecit et Gratiam Accepit* juri li dan il-kwadru sar wara li xi ħadd għamel wegħda biex bl-interċessjoni tal-Madonna jeħles mill-jasar. Id-data 1631 turi meta saret il-ħarba u l-kelma SFACHES (Sfaxs) hu l-post minn fejn ħarbu għall-ħelsien.

Kwadru prezzjuż ħafna fejn jinħtieġ li jsir restawr fuqu billi xi partijiet qed jispiċċaw. Niftakru li dan l-kwadru hu l-eqdem wieħed iddatat u l-ittri VFGA huma miktubin sħaħ bil-latin. ■